**4 ta' Mejju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist. S.**

Joseph Galea *pro et noe*

*versus*

Charles Francica *et noe*

## Avviż għas-Smiegħ - Rekwiżiti A Tenur ta' l-Artikolu 171 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

*Irriżulta inkontestat li l-appellanti konvenuti oriġinarjament kienu ġew innotifikati b'avviż mhux skond kif hemm espressament stipulat fl-artikolu 171 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan in-nuqqas jimporta n-nullità ta' l-atti u tal-proċeduri relattivi,* multo magis, *meta si tratta ta' proċeduri ta' natura sommarja.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat u annullat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u rrimettiet l-atti lill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

B'avviż ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attur *pro et nomine* talab il-kundanna tal-konvenut *et nomine* *għall-ħlas tas-somma ta' disa' mija, erbgħa u tmenin lira* Maltija u tletin ċenteżmu (Lm984.32), bħala prezz ta' *servicing* fuq makkinarju, bejgħ u konsenja ta' *stationery* użat fil-*cash register* u għal servizzi professjonali pprovduti mill-attur;

Illi din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, *8* ta' Novembru, *1996*, quddiem *il-Qorti tal-*Maġistrati (Malta), kif ippresjeduta mill-Maġistrat, Onor. Dr. Dennis Montebello B.A., LL.D.;

Illi l-esponenti appellanti ma dehrux għal din is-seduta;

*Illi wara li semgħet id-deposizzjoni ta' l-attur, il-Qorti tal-*Maġistrati (Malta) laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat lill-konvenuti appellanti jħallsu s-somma reklamata mill-atturi appellati;

Il-konvenuti appellanti *jħossuhom* aggravati minn din is-sentenza għaliex huma ma dehrux għas-seduta appuntata peress illi huma ma kinux ġew debitament notifikati, u dan peress illi l-avviż illi bih ġew notifikati, li qed jiġi anness ma' dan ir-rikors u mmarkat dok. A, ma kienx jindika d-data tas-smiegħ u lanqas l-Awla fejn kellha tinstema' din il-kawża;

Illi, għaldaqstant, il-konvenuti appellanti ġew ipprivati *mill-opportunità li jirrispondu u jikkontestaw it-talba attriċi u* għaldaqstant ġie anke leż id-dritt fondamentali tagħhom għal smiegħ xieraq;

Illi l-konvenuti appellanti riedu jikkontestaw it-talba attriċi peress illi t-talbiet attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi, *inter alia*, il-makkinarju *de quo* ma kienx ġie

sservisjat skond l-arti u s-sengħa, tant illi l-*cash register* in *kwistjoni ma setax jintuża kif suppost mill-konvenuti* appellanti;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-konvenuti appellanti talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fit-8 ta' Novembru, 1996, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati;

L-appellat *nomine* wieġeb:

Illi t-talba ta' l-appellanti *nomine* għar-revoka tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, fit-8 ta' Novembru, 1996, għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet segwenti:

Illi kif qegħdin jissottomettu sew l-appellanti *nomine*, ġew notifikati b'avviż li ma kienx jindika la d-data tas-smiegħ u lanqas l-Awla fejn kellha tinstema' l-kawża u dan huwa ovvjament nuqqas min-naħa tar-reġistru. Iżda huwa nuqqas ta' l-appellanti *nomine* li, hekk kif irċevew att mill-Qorti li ndikatilhom ċarament li kien hemm xi ħadd li fetħilhom kawża, ma marrux għand avukat biha biex jaraw x'inhi;

Illi għalhekk mexa bil-proċedura regolari;

Illi kuntrarjament għal dak li qegħdin jgħidu l-appellanti *nomine*, il-*cash registers* ġew *serviced* skond is-sengħa u l-arti;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appellat *pro et nomine* talab li dina l-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata;

Wara li rat l-atti kollha tal-proċess u semgħet it-

trattazzjoni ta' dana l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

L-appellanti *nomine* jillanja mill-fatt li l-avviż li bih ġew notifikati in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri kien monk billi dan ma kienx jindika la d-data tas-smiegħ u lanqas l-Awla fejn kellha tinstema' din il-kawża. L-appellanti, in sostenn, eżebew l-avviż minnhom riċevut - ara dok. A - u kkonfermaw il-fatti minnhom esposti bil-ġurament;

Mill-provi jirriżulta inkontestat li l-appellanti konvenuti oriġinarjament kienu ġew notifikati b'avviż mhux skond kif hemm espressament stipulat fl-artikolu 171 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan in-nuqqas jimporta n-nullità ta' l-atti u tal-proċeduri relattivi, *multo magis* meta si tratta ta' proċeduri ta' natura sommarja. *Minħabba li l-avviż inħareġ - x'aktarx bi* żvista mir-Reġistru - difettuż, u l-konvenuti *nomine* ma kienu fl-ebda obbligu, kif imsemmi fir-risposta ta' l-appellati, ankorkè dawn ta' l-aħħar ma jaħtux lanqas għan-nuqqas in kwistjoni. Jibqa' dejjem fatt però li l-att - f'dan il-każ l-avviż - fih innifsu kien null u *quod nullum est, nullum producit effectum*. L-Ewwel Qorti lanqas setgħet tkun edotta b'dak li ġew notifikati bih il-konvenuti *nomine* għax dawn ma dehrux u tqiesu għalhekk bħallikieku kienu kontumaċi, li ma jidhirx li huwa hekk;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-konvenuti *nomine*, u għalhekk *tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija* mill-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża fl-ismijiet premessi fit-8 ta' Novembru, 1996 u tibgħat l-atti mill-ġdid quddiem l-Ewwel Qorti sabiex wara li jinħarġu n-notifiki ta' l-atti skond il-liġi. jiġi nvestit u deċiż il-meritu tal-vertenza mill-ġdid. Fiċ-ċirkostanzi, il-kap ta' l-ispejjeż jibqa' mingħajr taxxa bejn il-

kontendenti.

---